MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 203/2013

**AB**
**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fis-26 ta’ Awissu 2006 u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla Kadie li ghandha hames snin u nofs ;

Illi l-konvivenza ta’ bejniethom damet biss sentejn u l-partijiet isseparaaw legalment fid-9 ta’ Awissu 2011 Dok A wara li kienu ilhom tlett snin separati de facto ;

Illi m’hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjonji bejniethom stante illi minbarra li ilhom 4 snin u nofs

separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u rabtiet ma persuni ohra ;

Illi lanqas ma hemm xi manteniment pendenti jew xi arretrati stante li l-partijiet t-tnejn jahdmu u fuq l-att tas-separazzjoni irrinunzjaw mid-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin, mentri ma hemmx problema fuq il-manteniment dovut ghal minuri ;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti, m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall ta' zwieg bejniethom;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal dan il-ghan mill-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li in forza taghha eccepixxa :

Illi huwa minnu illi l-partijiet izzewgu fis-26 ta' Awwissu 2006, mil-liema zwieg kien hemm tifla wahda, bl-isem ta' Kadie li llum ghandha hames snin;

Illi l-esponenti jaqbel ukoll illi hu u martu ghixu flimkien ghal biss sentejn u cioe` sas-sena 2008, anke jekk kien biss fis-sena 2011 li huma sseparaw legalment;

Illi l-esponenti jikkonferma wkoll illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni ma' martu, u dana stante li z-zewg partijiet illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u anke qeghdin f'relazzjonijiet stabbli ma' terzi;

Illi filwaqt li l-esponenti dejjem mantna lill-bintu minuri u ghadu qed jaghmel hekk sal-lum, m'hemm l-ebda arretrati minnu dovuti;

Ghaldaqstant l-esponenti mhux qed jopponi ghat-talbiet ta’ martu hekk kif dedotti fir-rikors promotur taghha.

Tant ghandu x’jissottometti l-esponenti f’dan l-istadju.

Rat ir-rikors;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta’ April, 2013;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Awwissu, 2011 wara li kienu ilhom tlett snin separati *de facto* minn xulxin.

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------